Newspaper Post

żminijietna
lehen ix-xellug

# Żminijietna

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 25 Jannar - Marzu 2015 40c



**Żminijietna tintervista lill-Membru Parlamentari Ewropej, Dr Alfred Sant.**

Fl-intervista Dr Alfred Sant ma qgħadx lura milli jesprimi l-fehmiet tiegħu fuq diversi kwistjonijiet ta' mportanza għax-Xellug. Kien kritiku wkoll lejn diversi pożizzjonijiet li qed tieħu l-Unjoni Ewropeja.

*Dr Alfred Sant jenfasizza li l-Mudell Soċjali Ewropew bħala parti mill-istrutturi tal-Unjoni Ewropea, hu kisba tas-soċjalisti.*

*Kompla jgħid li "Is-Soċjalisti Demokratiċi għandhom jagħmlu minn kollox biex jiddefenduh. Ma narahomx jagħmlu hekk dejjem. F'qafas ta' ekonomija fejn qed naqblu li s-settur privat għandu jkun ħieles u qawwi biex imexxi n-negozji tiegħu skont fejn jiġbdu l-aħjar prezzijiet u profitti, irid jiġi sostnut il-mudell soċjali Ewropew. Minn dejjem qbilt ma' dal-mudell, għalkemm jien wieħed minn dawk li jemmnu li m'hemm xejn ħażin filli l-istat ukoll, ikollu l-impriżi tiegħu".*

***Wieħed jista' jaqra' l-intervista kollha ma' Dr Alfred Sant f'paġna 4.***

## Ġewwa...


- *L-Editorjal - L-Għajta għax-Xellug*
- *Is-Soċjaliżmu fl-Ewropa* - *Alfred Consiglio*
- *Il-Ftehim Milħuq bejn Kuba u US* - *Victor Degiovanni*
- *The West's War on Democracy* - *Sammy Camilleri*
- *Youth in Crime: Increased Risks of Poverty* - *Maryanne Zammit*
- *Ix-Xellug f'Malta* - *Michael Camilleri*


*Jiżdied ix-Xogħol Prekarju f'Malta.*

# 22.5% tal-Impjiegi huma Part-time jew Temporanji

Li jkollok impjieg ma jfissirx li int tgħix ħajja diċenti. Il-fenomenu ta' ħaddiema foqra fl-Unjoni Ewropeja qed jaffettwa 9.1% tal-ħaddiema. *(Statistika Eurostat 2012).*

F'Malta Statistika Uffiċjali tal-NSO kkonfermat li bejn l-2005 u l-2013 il-persuni li qedgħin f'impjieg żdiedu.

Imma l-istess statistika tikkonferma li l-impjiegi part-time, bħala impjieg prinċipali, żdiedu minn 9.4 fil-mija fl-2005 għall-15.1 mija fl-2013. Il-persuni li jaħdmu b'kuntratt fiss żdiedu minn 4.4 fil-mija għal 7.5 fil-mija.

Filwaqt li 6.6 persuna minn kull 100 persuna m'għandhomx impjieg.

Dana juri li kważi kwart tal-ħaddiema f'Malta qed jaħdmu f'xogħolijiet li natura tagħhom hi waħda prekarja. Xogħol part-time u b'kuntratt temoporanju jista' jiżvantaġġja l-ħaddiem minn kundizzjonijiet xierqa, pagi diċenti, taħriġ fix-xogħol, self ta' flus mill-banek u sigurtá fl-impjieg.

Fl-Ewropa din iż-żieda f'dan it-tip ta' mpjieg hi magħrufa b'termini ta' *in-work poverty* li jfisser li l-ħaddiem għalkemm qed jaħdem mhux qed jaqla' biżżejjed flus biex jgħix ħajja diċenti.

Mill-2005, ir-rata ta' ħaddiema f'riskju ta' faqar f'Malta żdiedet. Din tapplika għal dawn il-




ħaddiema li jaqilgħu anqas minn 60% tal-paga medjana. L-istess statistika turi li kien hemm żieda qawwija f'dak li hu impjieg part-time u temporanju.

Dana hu riżultat ta' ekonomija li m'għadhiex tiflaħ toħloq xogħolijiet regolari, b'pagi u kundizzjonijiet diċenti. In-numru ta' mpjiegi temporanji wkoll qed jiżdied madwar l-Ewropa.

Infatti rapport ta' ILO fuq l-impjieg part-time jitkellem b'mod ċar li l-impjieg part-time jista' jwassal għall-prekarjetà, speċjalment meta l-ħaddiema nvoluti huma 'single parents', fejn dawn iridu jiddependu minn paga waħda biex irabbu l-ulied u fejn il-livell ta' l-edukazzjoni jkun wieħed baxx. Ir-rapport jgħid ukoll li l-impjieg part-time fil-maġġor parti ma joffrix kundizzjonijiet u pagi diċenti.

Fil-każ ta' Malta, il-miżuri li nieda l-Gvern fil-baġit 2015, li huma diretti lejn is-*single parents* jqajjmu tħassib kbir.

Wieħed mhux qed jikkritika l-politika li tgħin persuni jfittxu impjieg. Imma l-fatt li l-miżuri mħabbra sabiex ommijiet taħt it-23 sena joħorġu jaħdmu ista' jwassal biex minflok nindirizzaw il-faqar, nkunu qed inżidu n-numru ta' ħaddiema u familji foqra.

Anke lingwaġġ li ntuża biex jiddeskrivi din il-kategorija ta' persuni fis-soċjetà kien wieħed li jitfa' dell ikrah fuq is-'*single mothers',* li dawn qishom qed jabbużaw mil-benefiċċji soċjali u li ma jridux jaħdmu. Wieħed jistaqsi, x'inhi l-pożizzjoni tal-moviment tan-nisa f'Malta fuq din il-kwistjoni.

X'se jagħmel il-Gvern biex jara li dawn il-persuni jkollhom impjieg b'pagi u kundizzjonijiet diċenti. Tgħid se naraw żieda aktar ta' ħaddiema foqra f'Malta?

Il-fatt li din il-politika mhiex appoġġjata minn miżuri li jinċentivaw persuna biex toħroġ taħdem, fosthom żieda fil-paga minima nazzjonali, strateġija nazzjonali favur impjiegi diċenti u aktar miżuri favur il-familji fil-bżonn jista' jkun li numru ta' persuni foqra se jkompli jiżdied u mhux jonqos.

## L-Inizzjattiva miċ-Ċittadini Ewropej Kontra TTIP: Sa llum inġabru aktar minn Miljun Firma.

***Is-Sehem tiegħek f'din il-Kampanja hu mportanti wkoll.***

SELF-ORGANISED
EUROPEAN CITIZENS' INITIATIVE
AGAINST TTIP AND CETA

STOP TTIP!
www.stop-ttip.org

# IS-SOĊJALIŻMU FL-EWROPA

***minn Alfred Consiglio***

Huwa raġunar żbaljat li tgħid li d-difetti tal-Marxiżmu kienu murijin biss wara li kien ippruvat fil-poter.

Marx u Engels kienu persuni kontraversjali fl-Ewwel Internazzjonal. Marx ma kienx kapaċi li jħalli l-kritika għaddejja. Fi żmienu, huwa kellu jaffronta avversarju formidabbli. Dan kien l-anarkist Mikhail Bakunin. Filwaqt li l-fundaturi tal-Marxiżmu fittxew validità xjentifika għat-tagħlim tagħhom, Bakunin għażel ideat hekk kif feġġew u li kienu jappellaw għalih, u huwa żviluppahom skond ix-xejra tiegħu.



Victor Adler

Bakunin kellu ħajja kaotika. Bħal rivoluzzjonarji oħrajn, huwa ma kienx ta' oriġini proletarja. Kontra Marx u Engels, bl-ambjent borġeż tagħhom, Bakunin kien ġej minn familja aristokratika Russa. Fl-1848, sena ta' taqlib rivoluzzjonarju, Bakunin terraq madwar l-Ewropa, jagħmel li jista biex ikun f'nofs l-aħħar rivoluzzjoni u jgħin li tirnexxi.

Għal Bakunin, tip ta' Ġermaniż konvenzjonali kien dak il-persuna li tadura l-istat; għal anarkist bħalu, din kienet l-agħar ħaġa. It-tagħlim ta' Bakunin meraħ madwar l-idea ta' ħelsien. Il-kelma 'stat' għalih fissret il-ħażen kollu li għandu jkun imbarri mid-dinja. Huwa ssaponut li solidarjetà tiġi b'mod naturali lill-popli, li tagħmilhom kapaċi meta ħielsa mix-xkiel tal-istat, ta' sagrifiċċju personali u abilità li jorganizzaw ruħhom f'komuni awtonomi żgħar, fejn kull persuna jkollha ħelsien assolut. Bakunin fittex ugwaljanza kif ukoll libertà, u l-ewwel għanijiet tiegħu kienu l-abolixxar tal-wirt.



Cipriani

Marx maqdar lil Bakunin bħala bniedem li jaqla' l-inkwiet u bagħad l-intuwizzjonijiet tiegħu. Il-punt ta' Bakunin kien li t-tagħlim kien b'mod inerenti inkapaċi li jikseb l-għan ta' 'tidbil tal-istat'.

Meta Marx u Engels tkellmu dwar 'assoċjazzjonijiet ħielsa ta' produtturi', huma saħqu fuq dixxiplina u ġerarkija. L-orjentazzjoni politika tal-ħaddiema kienet mibnija fuq il-ħtieġa li popli jkunu miġburin flimkien f'kotriet ta' qawmien taħt il-kontroll tagħhom.

Fost ir-rivoluzzjonarji kien hemm firdiet. L-Ewwel Internazzjonal, iffurmat f'Londra fl-1864, infired f'direzzjonijiet differenti diversi u kien żarmat fl-1876. It-Tieni Internazzjonal, magħruf ukoll bħala l-Internazzjonali Soċjalista, kien iffurmat f'Pariġi fl-1889. Is-sena u l-post kellhom sinifikat simboliku; kien il-mitt anniversarju tar-Rivoluzzjoni Franċiża.

L-Internazzjonal kien kompost minn partiti nazzjonali u għaqdiet tal-ħaddiema, ħafna minnhom influwenzati mill-Marxiżmu. Id-delegati li ltaqgħu dakinhar ikkunsidraw lilhom bħala l-veri werrieta tar-rivoluzzjonarji tal-1789. Dak l-irvell epiku kien l-ewwel stadju ta' rivoluzzjoni soċjali kbira għall-emanċipazzjoni tal-umanità.

Il-borġeżija ħakkiema, però, kienet approprijat il-memorja tal-1789, iżda mhux l-ispirtu. Il-poter politiku kien issa f'idejn il-klassi medja. Franza borġeża setgħet kienet qed tapplawda l-libertà, l-ugwaljanza u l-fraternità iżda fil-prattika, dak li kienet qed tagħmel u tikkonsagra kien il-kummerċ u s-suq, f'kelma waħda: kapitaliżmu. Fl-1889 Franza kienet qed tiċċelebra l-effett kapitalist tar-Rivoluzzjoni. Dan ma kellu ebda influwenza fuq il-fundaturi tat-Tieni Internazzjonal.

Dawn l-għedewwa tal-kapital iddikjaraw: 'Aħna, soċjalisti, stedinna lill-produtturi biex jingħaqdu magħna f'Pariġi fl-14 ta' Lulju. L-għan tagħna huwa l-emanċipazzjoni tal-ħaddiema, l-abolixxar tas-suq tax-xogħol u l-ħolqien ta' soċjetà li fiha l-irġiel u n-nisa kollha, irrispettivament minn sess jew nazzjonalità, igawdu l-ġid ipprodu ċut bix-xogħol tal-ħaddiema kollha.''

Fost il-firmatarji kien hemm Bebel u Liebknecht mill-Ġermanja, William Morris mill-Ingilterra, Kier Hardie mill-Iskozja, Victor Adler mill-Awstrija, Amilcare Cipriani mill-Italja, Jules Guesde u Edouard Vaillant minn Franza, Georgii Plekhanov mir-Russja, Cesar de Paepe mill-Belġju, Pablo Iglesias minn Spanja, u kważi erba' mitt delegat ieħor min-Norveġja, Svezja, Greċja u l-Portugall.



Iglesias

X'riedu dawn is-soċjalisti kollha? L-ewwel riżoluzzjoni tal-Kungress iddomandat leġislazzjoni biex tipproteġi 'l-ħaddiema, ġurnata ta' tmien siegħat xogħol u l-abolixxar tax-xogħol mit-tfal. Id-delegati ddeċidew li l-Ewwel ta' Mejju jkun magħruf bħala 'jum il-ħaddiem' u kkundannaw il-gwerra bħala l-prodott inevitabbli tal-kundizzjonijiet ekonomiċi tal-preżent.

Finalment, il-Kungress innota li la l-pussess tal-poter politiku kien dak li ta awtorità lill-kapitaliżmu li jaħkem, il-ħaddiema f'pajjiżi fejn kellhom dritt għal vot għandhom jingħaqdu ma' partiti soċjalisti u jeleġġewhom fil-poter. Id-delegati qalu wkoll li l-użu tal-forza mill-klassi ħakkiema biex timpedixxi din l-evoluzzjoni paċifika lejn soċjetà bbażata fuq kooperazzjoni tkun delitt kontra l-umanità.

Il-kungress fundatur tal-partiti soċjalisti u tax-xellug fl-Ewropa kollha, impenjati lejn il-marxiżmu, stabbilixxa ġabra ta' prinċipji li l-partiti wettqu, mhux dejjem b'mod konformi, għal tul dawn l-aħħar mitt sena. Dawn il-prinċipji nkludew l-estenzjoni tad-demokrazija, l-evoluzzjoni paċifika lejn poter politiku, ir-regulazzjoni tas-suq tax-xogħol, it-tmiem ta' diskriminazzjoni sesswali u kull forma oħra. Dawn il-prinċipji stabbilew aġenda wiesgħa li ebda forza politika ma setgħet sussegwentament tinjora. Hekk kif partiti tax-xellug feġġew, l-avversarji borġeżi tagħhom, filwaqt li ppruvaw irażżnuhom, adottaw xi ftit mill-ideat tagħhom. Anke l-Knisja Kattolika bidlet it-triq u Ljun XIII ħareġ l-enċiklika *Rerum Novarum* fl-1891 li bniet il-pedamenti li baqgħu magħrufin bħala d-duttrina soċjali tal-Knisja.



Guesde

Meta nikteb dwar 'ix-Xellug' inkun qed nirreferi għal partiti soċjalisti u komunisti. It-terminu 'xellug' hu eqdem mis-soċjaliżmu. Oriġina mar-Rivoluzzjoni Franċiża; meta ltaqa' l-Istati Ġenerali fi Franza, il-membri tal-aristokrazija u tal-knisja qagħdu fuq il-lemin tal-president, filwaqt li r-rappreżentanti tal-poplu, li fir-realtà kienu mill-klassi medja, qagħdu fuq ix-xellug.



Plekhanov

Imwieled fi żmien tal-qawmien tas-soċjetajiet industrijali avvanzati, il-moviment soċjalist qawmieni kellu l-għan tal-qerda tal-kapitaliżmu. Ir-riformi misħuqin mit-Tieni Internazzjonal kienu mistennija li jagħmlu l-ħajja tal-ħaddiema taħt il-kapitaliżmu tkun aktar sapportabbli u dinjituża, u l-ħaddiema ħielsa li jorganizzaw ruħhom indipendentement. Iżda aktar ma' s-soċjalisti rnexxew, aktar sabu ruħhom dipendenti fuq il-prosperità tal-kapitaliżmu.



De Paepe

Minkejja li ffurmaw għaqda internazzjonali, is-soċjalisti ma kellhom ebda alternattiva għajr li jorganizzaw bħala partiti nazzjonali. Mill-Ewropa, is-soċjalisti segwew 'il-kapitaliżmu madwar id-dinja; is-soċjaliżmu kien sorz ta' ispirazzjoni għal ħafna jissaraw kontra sfruttament, diskriminazzjoni u tirannija. Madankollu, wieħed irid iżomm f'moħħu li s-soċjaliżmu twieled fl-Ewropa industrijali u mhux f' xi pajjiż bl-akbar miżerja.

Il barra mill-Ewropa, is-soċjaliżmu sar il-forza ta' modernazzjoni, riformi agrarji, dekolonizzazzjoni u nazzjonaliżmu; kien abbraċċjat minn Afrikani jiġġieldu kontra l-*apartheid*, mill-Amerika Latina f'taqtigħa kontra multinazzjonali barranin jew interessi tas-sidien l-art lokali. Fiċ-Ċina, is-soċjaliżmu ispira l-organizzazzjoni tar-rivoluzzjoni massiva mill-bdiewa. Fl-Indja kien parti mill-moviment wiegħa mhux vjolenti. Fir-Russja s-soċjalisti nedew l-esperiment l-aktar kuraġġuż, l-itwal fil-prattiċi soċjali.

Is-soċjaliżmu kompla jwassal l-Ideali tiegħu fl-Ewropa, bl-akbar segwaċi fil-Ġermanja, għalkemm kien hemm għaqdiet enerġiċi fl-Olanda, l-Italja u Franza. Ġeneralment kien hemm xi ftit simpatija mal-Marxisti fl-Ingilterra. Lejn il-lvant u x-xlokk tal-Ġermanja kienet storja xi ftit differenti. Organizazzjonijiet Marxisti kienu qed jikbru fil-Bulgarija u l-artijiet Ċeki, kif ukoll fl-Imperu Russu. Is-sħubija ma kienetx numeruża daqs dik fil-Ġermanja, u r-raġuni kienet li l-industrijalizazzjoni f'dawn il-pajjiżi kienet fi stadju bikri.

L-istorja tal-moviment tal-ħaddiema saret kontraversjali. L-ipotesi kienet li l-interessi proletarji jkunu moqdijin b'partiti politiċi tal-ħaddiema. Marxisti u radikali xellugin oħrajn kienu minoranza fost ix-xellug Ewropew iżda kienu msawwrin minn korp bla mistrieħ jaħdem bħala għadu tal-kapitaliżmu. Ħafna militanti emmnu li l-partiti soċjalisti kbar fl-Ewropa tal-punent u ċentrali kienu qed jitraskuraw l-obbligazzjonijiet politiċi tagħhom. Huma għamlu sforz biex jiġbdu kollegi lejn in-naħa tagħhom. Kienet sitwazzjoni fluwida.

Battalja għall-imħuħ Ewropej kienet għaddejja. Prattikament, kull pajjiż kellu xi tip ta' għaqda Marxista. Kull partit fuq ix-xellug politiku kellu ħafna militanti li kienu ffrustrati bil-kompromessi magħmulin mill-mexxejja tagħhom. Dawn kienu ċirkustanzi li kienu, bla dubju, sa jkunu sfruttati minn estremisti jekk xi darba jieħdu l-poter.

Referenzi:


1. Mikhail Bakunin, *Statehood and Anarchy*.
2. *Historie de la IIe Internationale. Congrés Internationale Ouvrier Socialiste,* Paris 14-22 July 1889 Vols 6-7 Minkoff Reprint, Geneva, 1976.
3. Donald Sassoon, *One Hundred Years of Socialism: The West European Left in the Twentieth Century*, Fontana, London, 1997.
4. Leszek Kolakowski, *Main Currents of Marxism, Vol. I, The Founders*.

*Editorjal*

# L-Għajta għax-Xellug!!

Dan l-aħħar kellna numru ta' ħassieba u kittieba Xellugin li talbu lill-Partit Laburista biex jerġa jersaq lejn ix-Xellug.

Il-grupp kien ivarja minn akkademiċi u attivisti xellugin sa eks-politiċi. Dawn tkellmu u urew it-tħassib tagħhom fuq it-triq li qabad dan il-Gvern. Triq li lkoll huma tal-fehma li ma tħaris il-ġustizzja soċjali u dik ekoloġika. Triq li huma jgħidu li qed titbiegħed mil-prinċipji bażiċi tax-xellug.

Minn din l-ittra jqumu numru ta' mistoqsijiet li huma ta' nteress għax-xellug, fosthom għalfejn l-istess Xellug jibża jitkellem b'politika ta' avversarji. Min huma l-avversarji politiċi tax-xellug llum?

Għalfejn Gvern li għandu eġemonija u li qabad linja politika li hija ċentru leminija u li rebħitu l-elezzjoni b'maġġoranza soda għandu jersaq aktar lejn ix-Xellug?

X'għandu jkun il-programm xellugi bħala alternattiva għall-politika neoliberali li qed jaddotta l-Gvern preżenti?

Iż-żewġ partiti l-kbar lkoll japoġġjaw politika neoliberali. Infatti wieħed jista jgħid li lanqas teżisti konfrontazzjoni ideoloġika bejn iż-żewġ partiti l-kbar fuq mudell ekonomiku u dak soċjali.

Il-Partit Nazzjonalista wkoll qed jħoss li l-partit tagħhom tbiegħed mil-politika ċentru xellugija.

Infatti Chantal Mouffe, ħassieba xellugija u Professura fi Xjenza u Politika fil-kitba tagħha kienet qalet li x-xellug għandu bżonn jerġa jibni l-avversarju politiku tiegħu u mhux l-għadu moralista. *(2005 - The Left Needs Political Adversary)*

Infatti Mouffe enfasizzat li s-soċjal demokrazija altru milli rebħet il-battalja fl-Ewropa, imma qed tiġi affettwata l-identitá tagħha propja.

Mouffe tgħid ukoll li l-politika li qed timplimenta s-soċjal demokrazija fl-Ewropa ftit li xejn tista tiġi ddefenita bħala xellugija. Il-politika *Third Way* jidher li qed tabbanduna l-ġlieda għal ugwaljanza soċjali li kienet ir-ruħ tas-soċjal demokrazija.

MEP Dr Alfred Sant wkoll semma fl-intervista li s-soċjalisti fl-Ewropa addottaw politika ekonomika u soċjali bbażata fuq is-suq ħieles li qarrbithom ħafna lejn il-pożizzjoni tal-lemin. Kompla jgħid, li l-votanti tagħhom ftit raw li kellhom għalfejn joqogħdu jivvotawlhom.

Minn banda l-oħra fil-Greċja, Spanja u Slovenia qed naraw il-qawmien ta' partiti xellugin li jistgħu jkunu fil-gvern fil-futur qarib. L-elezzjonijiet fil-Greċja fl-aħħar ta' Jannar li ġej hemm ċans kbir li jintrebħu mil-Partit Xellugi bl-isem ta' 'Syriza'. Wieħed allura jistaqsi jekk hux se naraw il-qawmien wkoll f'Malta ta' reżistenza xellugija.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# Il-Ftehim milħuq bejn Kuba u US

***minn Victor Degiovanni***

Il-President tal-Istati Uniti Barack Hussien Obama u l-President tar-Repubblika ta' Kuba Raoul Castro Ruiz ħabbru li kienu laħqu ftehim dwar li jergħu jinfetħu r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi li fl-aħħar ħamsin sena kien non-eżistenti, anzi kienet teżisti gwerra bierda bejn iż-żewġ stati.

L-Istati Uniti fl-1961 ippruvat t'invadi lil Kuba permess tal-Kubani eżoli ġewwa Maimi. Dan ma kienx biżejjed, għaliex kien hemm aktar minn 40 attentati sabiex jassassinaw lil Fidel Castro li kien il-President tar-Repubblika Kubana. Atti terroristiċi kontra l-poplu Kuban mill-Mafia Kubana ta' Maimi kienu l-ordni tal-ġurnata, u kellhom il-barka tal-gvern tal-Istati Uniti dejjem bl-id moħbija tas-CIA.

Madwar 3,478 Kuban tilfu ħajjithom u madwar 2,079 persuna spiċċaw b'mankament permanenti bejn 1959 u 2003 minħabba dawn l-atti ta' terrur. Dawn l-atti jinkludu il-ħtif ta' 61 ajruplan jew vapuri żgħar bejn l-1961 u l-1996. Hemm ukoll 58 attakk mil-baħar kontra l-popolazzjoni u miri oħra ekonomiċi. Is-CIA tat għajnuna lil 4,000 persuna membri ġewwa 299 gruppi paramilitari li 'kkomettew qtil ta' 549 persuna u feriment ta' eluf oħra ġewwa Kuba'.

Minbarra l-attakki kontra l-popolazzjoni, l-Istati Uniti kienet tmexxi gwerra bijoloġika. Fl-1971 nofs miljun ħanżir kellhom jinqerdu sabiex ma' tinfriex '*swine fever'*. (Niftakru li kienu tobba Kubani li ġew jagħtuna l-għajnuna meta l-istess atti bħal dawn ġew kommessi kontra Malta għaliex konna żarmajna il-bażijiet militari tan-NATO min Malta). Attakk ieħor bijoloġiku din id-darba kontra n-nies ħalla 344,203 vittma tad-*dengue fever* fejn qatel ma' 158 persuna li 101 minnhom kienu tfal.

Louis Posada Carilles, li l-FBI tqis bħala l-agħar terrorista fil-kontinenti Amerikani jinsab jiġri mas-saqajn ġewwa Maimi. Issa kien prominenti fid-dimostrazzjonijiet ta' protesta mill-eżilu Kubani kontra l-ftehiem riċenti milħuq bejn l-Istati Uniti u Kuba. Posada Carilles kien l-awtur tal-attakk terrorista fl-1976 kontra titjira ta' Ajruplan Ċivili Kuban fejn 73 persuna tilfu ħajjithom. Terrorist ieħor li għadu jiġri mas-saqajn hu Osvaldo Bosch li kien ġie mogħti amnestija min Bush 'il-Missier'. Ta min ifakkar li George Bush Senior kien serva bħala kap tas-CIA qabel ma daħal għal politika.

Parti mil-ftehim li ntlaħaq dan l-aħħar kien il-bdil ta' priġunieri. Issa l-Ħames Eroj Kubani kollha huma ħielsa. Dawn il-Ħamsa kienu nġustament weħlu sentenzi kbar ta' ħabs fl-Istati Uniti, għaliex kienu infiltraw il-gruppi ta' eżoli Kubani terroristiċi sabiex iwissu lill-gvern Kuban qabel ma l-attakki jsiru.Meta d-Dipartiment tal-Ġustizzja Amerikan ġie mgħoti xhieda ta' dawn l-atti terroristiċi, minflok ittieħdu passi kontra t-terroristi ġew proċessati dawn il-ħames Kubani fuq l-akkuża li spjunaw kontra l-Istati Uniti. Nġustament, dawn ġew mogħtija dawn is-sentenzi: Fernando Gozales ġie kkundannat għal 19 -il sena ħabs, Rene Gonalez għal 15 -il sena. Dawn it-tnejn ġew meħlusa dan l-aħħar għax servew is-sentenzi tagħhom. L-oħrajn, Ramon Labanino għal ħajtu u 18 -il sena oħra, Antonio Guerrero għal ħajtu u 10 snin oħra, u Gerardo Hernandez għal żewg ħajjiet u 15 -il sena oħra.

Il-President Kuban fl-indirizz li għamel wara l-ftehim milħuq qal li Kuba qatt ma sejra twarrab il-prinċipji Soċjalisti tagħha u li mhux sejjer issir l-ebda trattat li jhedded is-sovranitá tal-Istat Kuban. Dan ifisser li kull riforma ekonomika li ssir ġo Kuba trid tkun kompatibbli mas-sistema Komunista li l-poplu Kuban għażel wara t-trijomf tar-Rivoluzzjoni Kubana. Kemm l-Istati Uniti u kif ukoll l-Unjoni Ewropeja m'għandhomx l-ebda dritt li jorbtu ftehim ta' koperazzjoni ma' dawk li huma kwistjonijiet interni. Ġewwa Kuba jeżistu drittijiet favur il-bniedem li huma favur il-poplu, fosthom; id-dritt tax-xogħol; id-dritt tas-saħħa u l-edukazzjoni b'xejn; u dritt tal-abitazzjoni, u fuq kollox li ħadd ma jmur jorqod bil-ġuħ. Fl-Istati Uniti fejn tirrenja s-sistema Kapitalista ħafna qed jispiċċaw barra fit-triq jorqdu ġo kaxxa tal-kartun, jekk ma tkunx tiflaħ tħallas insurance privata, m'għandekx dritt għal għajnuna medika meta timrad.

Id-drittijiet favur il-bniedem fil-pajjiżi hekk imsejħa tal-punent ifisser li tkun tista' tisfrutta lill-ħaddiem meta għandek bżonnu, u tkeċċih meta m'għandekx aktar bżonnu. Fl-Unjoni Ewropeja għalkemm is-sitwazzjoni hi ferm aħjar minħabba l-welfare state, xorta waħda l-popli m'għandhomx id-drittijiet li għandu l-poplu Kuban. L-Istess bħal fl-Istati Uniti, fost dawk li huma drittijiet fl-Ewropa, il-libertá li tisfrutta huwa dritt prinċipali. Dan huwa dritt intiz għan-negozjanti, u mhux għall-poplu.

L-Unjoni Ewropeja qed tpoġġi diversi kundizzjonijiet qabel ma jkun hemm xi forma ta' xi ftehim ekonomiku ma' Kuba. Din il-Kundizzjoni thedded is-sovranitá tal-poplu Kuban. Il-poplu Kuban biss għandu d-dritt li jagħżel kif titmexxa l-gżira Kubana. Ma nifmhux għaliex, Dr George Vella Ministru tal-Affarijiet Barranin, fil-messaġġ ta' ferħ lil Kuba u lill-Istati Uniti, qal li l-ftehim li għandu jintlaħaq għandu jkun fit-termini tal-Unjoni Ewropeja, meta fl-Ukraina l-UE mhu qed tagħmel l-ebda kundizzjonijiet, filwaqt li n-nies qed jinqatlu mir-reġim ta' Kiev.

# L-Isfidi u s-Soċjal Demokrazija fl-Ewropa

F'Intervista esklussiva ma' Żminijietna, il-Membru Parlamentari Ewropej, Dr Alfred Sant jagħti l-veduti tiegħu fuq kwistjonijiet li jolqtu l-Ewropa u lis-Soċjalisti Demokratiċi.

**X'inhi l-viżjoni tiegħek tal-Ewropa u x'ideoloġija jħaddan il-Grupp tas-soċjalisti u demokratiċi fl-Ewropa li int tagħmel parti minnhu?**

Li jkun hemm għaqda fl-Ewropa hu żvilupp pożittiv imma jrid jitmexxa skond il-karatteristiċi tal-Ewropa bħala kontinent b'identità propja tiegħu. Fuq kollox din: l-Ewropa hi magħmula minn nazzjonijiet – tribujiet jekk trid – b'attributi kulturali u soċjali li jixtiebhu imma li huma differenti. Li tagħmel mill-għaqda Ewropea xi Stati Uniti bħal tal-Amerika għalija ma tantx jagħmel sens.

B'xorti ħażina, fl-aħħar ħamsa u għoxrin sena, l-Unjoni Ewropea mxiet kemm setgħet f'din it-triq. Imma l-popli – anki dawk li l-aktar kienu akkaniti għal Ewropa magħquda – wrew ripetutament li ma ridux jaslu sa hemm.

Veru li dan ħoloq ħafna kontradizzjonijiet li għadhom magħna sal-lum. Per eżempju, l-popli jridu l-ewro bħala munita tagħhom, imma ma jridux l-istat politiku federali li hu meħtieġ biex jissalvagwardja munita komuni.

Fil-fehma tiegħi, mil-lat politiku, bl-istrutturi li laħqu nbnew sa issa, mhux se jkun hemm alternattiva għall-Ewropa magħquda ħlief dik li timxi lejn strutturi konfederali. Fihom kull nazzjon jagħżel il-livell ta' qrubija, anqas jew aktar, li jkun irid jassumi fil-ħidma Ewropea komuni, skont x'jgħodd għalih ekonomikament u skont x'jaqbel l-aktar mal-aspirazzjonijiet politiċi u soċjali tiegħu. Fl-istess ħin, jinħoloq kontrapiż għall-poter Ġermaniż, li anki meta ma jiġix eżerċitat, jinħass bħala predominanti.

**Sa l-elezzjonijiet Ewropej ta' l-1999 il-Grupp ta' alleanza tas-soċjalisti u demokratiċi kienu l-ikbar grupp. Illum saru t-tieni l-ikbar grupp. X'taħseb li wassal għal dan?**

Il-partiti soċjalisti u soċjal demokratiċi Ewropej damu biex jaqblu mal-idea li kellhom jieħdu sehem sħiħ fil-proġetti tal-Komunità Ekonomika Ewropea, kif kienet magħrufa bejn is-snin sittin u tmenin. Qiesu li l-proġett Ewropew kien qed iservi l-aktar



biex jaqdi ekonomikament l-interessi tal-kapital. Imbagħad donnu sar qbil li l-proġett kellu jmur lil hinn mill-ekonomiku skont il-fasla ta' suq ħieles u xejn aktar; u li kellha tidħol fih dimensjoni soċjali, b'miżuri li jiżguraw ħarsien għal ħaddiema, pensjonanti u nies li kellhom bżonn appoġġi u solidarjetà soċjali.

B'dal-mod ġie aċċettat il-"mudell soċjali" Ewropew: minn bażi nazzjonali fl-istati membri telaq fuq sisien tal-KEE kollha kemm hi. Aktar tard, twessa' wkoll lejn il-qasam ambjentali. Fuq dil-bażi Ewropea, l-partiti tax-xellug demokratiku saru parti essenzjali mill-proġett għall-għaqda Ewropea – irrid ngħid l-aktar fil-pajjiżi l-kbar u mdaqqsa. Għadhom hekk sal-lum.

Għall-bidu, dan tahom saħħa politika qawwija fl-Ewropa, għax immobilizzaw votanti ġodda biex jieħdu sehem fil-proġett Ewropew, fejn spiċċaw minnn fuq.

Biż-żmien dan il-vantaġġ beda jitnaqqar għal diversi raġunijiet: l-aktar tnejn importanti naħseb li huma – l-ewwel li matul is-snin, is-soċjalisti addottaw politika ekonomika u soċjali bbażata fuq is-suq ħieles li qarrbithom ħafna lejn il-pożizzjoni tal-lemin. Allura, l-votanti tagħhom ftit raw li kellhom għalfejn joqogħdu jivvotawlhom. U t-tieni, kien hemm it-tkabbir tal-Unjoni Ewropea lejn pajjiżi fejn wara snin ta' tmexxija komunista, n-nies bdiet tivvota għall-lemin. Fuq dawn l-iżviluppi titrikkeb problema/sfida oħra – sejħilha kif trid.

L-Ewropa mhux qed jirnexxielha tilqa' tajjeb għall-isfidi tal-globalizzazzjoni. Speċjalment wara t-twaqqif tal-ewro, imma anki minn qabel, mhux biss tilfet il-kompettività tagħha, imma donnu li biex terġa' takkwistaha l-unika triq li baqa' hi dik li therri l-mudell soċjali tagħha. Il-votanti li setgħu jissimpatizzaw max-xellug mhumiex jifhmuha dil-ħaġa, naħseb bir-raġun.

**Il-Grupp tax-xellug wkoll għamel avvanzi kbar fl-aħħar elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Fl-opinjoni tiegħek x'taħseb li wassal għal dan u x'inhuma d-differenzi kruċjali bejn il-grupp ta' S/D li int tagħmel parti minnhu u GUE/NGL (grupp tax-xellug) meta lkoll qegħdin fuq ix-xellug tal-ispektru politiku?**

Il-partiti fil-GUE/NGL tkellmu b'mod dirett u deċiżiv dwar id-dwejjaq tal-klassijiet tal-ħaddiema u tan-nofs fil-qagħda attwali. Kienu anqas ċari dwar is-soluzzjonijiet li riedu jipproponu għalkemm donnhom iridu jitilqu minn kontrolli akbar fuq il-globalizzazzjoni neoliberali u lejn ridistribuzzjoni qawwija tal-ġid. Fil-prattika kif din għandha ssir ma tantx nisma' mingħandhom.

Is-soċjalisti demokratiċi jaqblu ma' ħafna mit-teżijiet tal-partiti tax-Xellug dwar in-neo liberaliżmu imma jaraw li l-istrateġija trid tkun waħda ta' riformi gradwali, waqt li jibqgħu jagħmlu minn kollox biex ikollhom sehem fil-poter politiku għax hu b'hekk biss li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-ħajja ta' dawk li jinsabu minn taħt. Għalhekk baqgħu jidħlu f'koalizzjonijiet maċ-ċentru lemin.

Id-dilemma hi din: il-GUE/NGL ħadu t-triq "romantika" tas-solidarjetà kważi klassista akkost li jibqgħu minoritarji; waqt li s-soċjalisti demokratiċi biex ikunu jistgħu jwettqu l-għanijiet tagħhom jispiċċaw ta' spiss jinxtorbu fil-programmi liberali jekk mhux neo-liberali tal-lemin.

**Kif tħares lejn il-kisbiet li qed jagħmel il-Lemin estrem fl-Ewropa. Tara theddida għall-politika ta' solidarjetà u rispett uman fil-konfront ta' persuni immigranti?**

B'xorti ħażina, il-Lemin estrem qed ipoġġi fuq quddiem il-kwistjonijiet li qed idejqu lil saffi kbar tal-popli. Isejħulhom populisti dwar hekk, imma fl-aħħar mill-aħħar il-politika qiegħda hemm biex tagħti leħen lis-sentimenti taċ-ċittadini.

Il-partiti l-kbar mhux jirnexxilhom jagħmlu dan, jew mhux jirnexxilhom jagħmlu dan biżżejjed, in parti minħabba l-kontradizzjonijiet li għadna kemm semmejna. U l-partiti tal-lemin estrem jużaw dil-grinta politika tagħhom biex iħarrxu liċ-ċittadini kontra s-solidarjetà u r-rispett tad-drittijiet umani.

Nemmen li dawn il-kwistjonijiet m'għandhomx jitħallew jiġu kkapparrati mil-lemin estrem imma għandhom jitperrċu mix-xellug b'mod li jirriflettu l-valuri tax-xellug waqt li jagħti konsiderazzjoni sħiħa ta' x'inhu li tabilħaqq qed idejjaq lill-popli.

**Kif tħares lejn il-ħatra ta' Juncker bħala president tal-Kummissjoni Ewropeja meta dan kien l-arkitett ta' trattat ta' Maastricht u kellu rwol prinċipali fil-politika Ewropeja ta' awsteritá, li llum nafu x'kienu l-konsegwenzi tagħha?**

Aktar minn arkitett ta' Maastricht, li ma tantx kien involut fiha, Juncker kien għal

*ikompli f'paġna 5*

# *"TTIP: Hemm ħafna xi tgħid favur u hemm ħafna xi tgħid kontra."*

snin sħaħ il-President tal-ewro grupp, jiġifieri l-kumitat tal-ministri tal-finanzi Ewropej inkarigati li jilqgħu għall-kriżi tal-ewro. Forsi salvaw lill-ewro, imma waddbu ekonomiji u ġnus sħaħ f'miżerja kbira. Minħabba f'hekk ma rajtx li Juncker kellu jintgħażel President tal-Kummissjoni.

Biss kien hemm qbil bejn il-partiti li r-rappreżentant tal-partit li jirbaħ l-elezzjoni Ewropea ta' Mejju li għadda, jingħata appoġġ għall-kariga ta' President tal-Kummissjoni Ewropea. B'hekk, il-ħsieb kien li se tissaħħaħ l-influwenza tal-Parlament Ewropew fost l-istituzzjonijiet. Din kienet strateġija li d-deputati Ewropej ġodda bħali sabuha lesta anki jekk (jien inkluż) xejn ma ħassewhom konfortabbli biha.

La mbagħad il-Parlament Ewropew ivvota favur il-ħatra ta' Juncker, inħoss li dan għandu jingħata ċ-ċans li jmexxi. Allura, meta tressqet dan l-aħħar 'vot' malajr malajr ta' sfiduċja f'Juncker minħabba l-arranġamenti ta' taxxa li kienu jsiru mill-Lussemburgu ma' kumpaniji kbar, fi żmienu bħala Prim Ministru, ivvotajt kontra l-isfiduċja.

Ma narahiex bħala ħaġa tajba li l-Kummissjoni Ewropea tiġi destabilizzata hekk malajr; ħaġa bħal din tista' sservi biex tkompli tkabbar l-isfiduċja ekonomika fl-Ewropa u tkun ta' dannu għall-ħaddiema u l-pensjonanti. Sentejn oħra imbagħad jew fi żmien qarib ta' hekk, wieħed ikun jista' jifli fejn wasal Juncker bil-wegħdi tiegħu, li minnhom għamel ħafna.

**Alfred Sant dan l-aħħar ikkritika b'qawwa u tkellem favur Ewropa Soċjali. Dana jfisser li Alfred Sant hu kontra l-politika neoliberali u ta' awsterità li hija msejsa fuqha preżentament l-Unjoni Ewropeja?**

Ma stajtx ma nikkritikax b'qawwa u nitkellem favur Ewropa soċjali fl-istess nifs.

Fil-fatt kif għedna, il-mudell soċjali Ewropew bħala parti mill-istrutturi tal-Unjoni Ewropea, hu kisba tas-soċjalisti. Għandhom jagħmlu minn kollox biex jiddefenduh. Ma narahomx jagħmlu hekk dejjem.

F'qafas ta' ekonomija fejn qed naqblu li s-settur privat għandu jkun ħieles u qawwi biex imexxi n-negozji tiegħi skont fejn jiġbdu l-aħjar prezzijiet u profitti, irid jiġi sostnut il-mudell soċjali Ewropew. Minn dejjem qbilt



ma' dal-mudell, għalkemm jien wieħed minn dawk li jemmnu li m'hemm xejn ħażin filli l-istat ukoll, ikollu l-impriżi tiegħu.

Ili nqis li l-politika ta' awsterità waħidha, kif prattikament qed tiġi nforzata bħalissa, se tispiċċa fallimentari, kemm ekonomikament u kemm soċjalment.

**Taħseb li hemm alternattiva oħra ekonomika għall-politika neoliberali fl-Ewropa?**

Iva, imma trid tkun marbuta ma' għarfien li l-iżvilupp tal-għaqda Ewropea jrid jirrispetta li l-Ewropa għandha tkun l-Ewropa tan-nazzjonijiet, li semmejt fil-bidu – dan inqisu l-element fondamentali tal-karattru Ewropew. F'kuntest ta' Ewropa tan-nazzjonijiet jista' jiġi żviluppat spażju ekonomiku Ewropew fejn ir-regoli tal-globalizzazzjoni jkunu speċifiċi għalih, f'rispett tal-mudell soċjali Ewropew.

**Preżentament għaddejjin diskussjonijiet bejn US u l-UE għal trattat ekonomiku magħruf bħala TTIP. X'inhi l-opinjoni tiegħek fuqu? U taħseb li kien ġust li l-Kummissjoni Ewropeja irriġettat l-Inizzjattiva ta' Ċittadini Ewropej (ECI) fil-konfront ta' TTIP, meta l-poplu fl-Ewropa qed jitlob għal aktar trasparenza u parteċipazzjoni taċ-ċittadini Ewropej fuq din il-kwistjoni?**

Fih innifsu, ftehim li jkattar il-kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ma tistax tgħid li hu ħażin, skont ir-regoli li qed jitħaddmu bħalissa. Il-verdett finali se jiddependi minn x'se jkun il-kontenut tiegħu. Lil min se jaġevola l-aktar u kif? Dan f'kuntest fejn hemm bżonn ta' għarfien li l-globalizzazzjoni mhijiex awtomatikament fattur pożittiv, igħidu xi jgħidu l-appostli tagħha.

Għalhekk hu meħtieġ li jkun hemm informazzjoni mill-aktar miftuħa dwar xi jkun għaddej u parteċipazzjoni mill-aktar wiesgħa ħalli nkunu nistgħu naslu għal ġudizzju aħħari dwar il-ftehim propost. Hemm ħafna xi tgħid favur u ħafna xi tgħid kontra.

Talanqas il-Kummissjoni Juncker tidher li qed taċċetta l-ħtieġa ta' trasparenza u parteċipazzjoni aktar mill-Kummissjoni ta' qabilha.

**Alfred Sant kif iħares lejn il-kwistjoni ġewwa l-Ukraina? Taħseb li kien ġust li l-Ewropa appoġġjat il-protesti biex jitneħħa gvern ta' Yanukovich meta dan kien elett demokratikament u għalfejn taħseb li ma kienx hemm appoġġ sabiex l-Ukraina tmur għal referendum nazzjonali?**

Problema kbira fil-kwistjoni kollha tal-Ukrajna hi li l-ebda naħa mhi qed turi u ma wriet rieda tajba ("good faith") f'dak li ġara. Dan jinkludi lill-Unjoni Ewropea li għalkemm ma ħaddmitx ajruplani u gwerilla biex tmexxi 'l quddiem l-interessi tagħha, ħaddmet bla waqfien is-"soft power" tagħha li (jgħidu xi jgħidu fi Brussell) rabba' saħħa eġemonika fl-Ewropa sa issa. L-Unjoni Ewropea fittxet li ssarraf dan il-poter permezz ta' appoġġ lill-forzi soċjali fl-Ukrajna li kienu jsostnu l-mudell tagħha u injorat għal kollox il-problemi ġeo strateġiċi li baqgħu mdendla sa minn meta kkollassat l-Unjoni Sovjetika.

**Int ukoll astjenejt fuq ir-ratifikazzjoni ta' ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-EU u l-Ukraina u fuq dan kien hemm minn kritikak. Tkellimt ukoll li l-kwistjoni hi waħda ġeopolitika u li ma kienetx qed tingħata attenzjoni lill-poplu Ukren li jgħix fil-Lvant tal-Pajjiż. Illum il-pajjiż għadu fi stat ta' gwerra fejn qed imutu n-nies innoċenti u anke l-lemin estrem issaħħaħ fil-pajjiż. X'taħseb li huma soluzzjonijiet biex id-drittijiet kollha tal-poplu Ukren jiġu rispettati?**

Astjenejt fuq ir-ratifika tal-ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna għax ma qiestx li kien prudenti li ssir ir-ratifika fil-mument meta saret. Mhux l-anqas għax donnu li l-poplu Ukren jikkonsisti biss f'dawk li jiffavorixxu l-Unjoni Ewropea. L-interessi ta' dik il-parti mill-poplu Ukren li ma tagħmilx hekk donnhom ma jeżistux. Biex tagħqad, fiż-żewġ partijiet tal-pajjiż minħabba dak li jinsab għaddej, forzi faxxisti kemm tal-lemin u kemm "tax-xellug" qed jieħdu s-soppravvent.

Jidhirli li l-kwistjoni kollha tmur lil hinn mill-Ukrajna nnifisha. Għandha x'taqsam fondamentalment ma' x'relazzjoni għandu jkun hemm bejn l-Ewropa tal-"Punent" u r-Russja.

Din tal-aħħar għadha tħossha kalpestata minn kif ġiet ittrattata wara l-kollass Sovjetiku, xi ftit bħall-Ġermanja wara l-Ewwel Gwerra Dinjija.

Ir-Russja għandha interessi leġittimi li mhux dejjem jiġu rispettati. Ukoll, hi ġieli tippreżentahom b'mod goff li jiftiehem ħażin, mhux l-aqas għax il-midja internazzjonali ma jarawhiex b'għajn ħanina.

Min-naħa tal-"Ewropej" hemm ambigwità ċara: iridu jittrattaw mar-Russja imma skont l-iskemi tagħhom; iridu jċekknu l-ispazju fejn ir-Russja tista' "tidħol" mingħajr ma jgħidu hekk; u naħseb li fondamentalment "jibżgħu" mill-kobor u l-potenzjal tar-Russja, minflok iqisuha bħala potenza Ewropea, li trid tingħata l-ispazju xieraq tagħha: xi ftit dil-ħaġa bħalma l-Ewropa saret tqis lit-Turkija fl-aħħar żminijiet.

# IL-LIĠI TAL-FINANZJAMENT TAL-PARTITI POLITIĊI

*John Zammit*
*Alleanza Liberali*
*johnpzammit@gmail.com*

L-abbozz ta' Liġi dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi qiegħed quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti u suppost kellu jiġi mgħoddi sa' l-aħħar tas-sena 2014 u fil-fatt għadda mill-ewwel qari u t-tieni qari u qed nistennew x'se jiġri wara li minħabba dak li nqala' u kien hemm riżenja tal-Ministru Manwel Mallia minħabba l-isparatura tax-xufier tiegħu eċċ, li probabbli tefgħet ix-xogħol tal-Kamra lura.

Aħna ta' l-Alleanza Liberali li diġa' ħadna sehem f'żewġ elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2009 permezz tiegħi John Zammit bħala kandidat u Jean-Pierre Sammut fl-2014.

Jerġa' ħadna sehem fuq żewġ distretti fl-elezzjoni ġenerali tal-2013 permezz tiegħi fuq it-tieni u s-sitt distrett, avolja ma kellniex riżultati tajba, xorta se nirreġistraw il-partit tagħna għax aħna partit liberali bħal ma' hemm fil-pajjiżi l-oħra ta' l-Ewropa u tad-dinja li xi wħud qegħdin fil-gvern u anke oħrajn bħal fl-Olanda, il-Belġju u l-Lussemburgu fejn hemm Prim Ministri Liberali.

S'issa f'Malta, avolja ilhi ngħid għadna mhux qed naħsbu b'moħħ Ewropew u bqajna nivvotaw jew għan-Nazzjonalisti jew għal-Laburisti u oħrajn kuntenti li ma jivvotawx jew jaħlu l-vot, bi ftit jivvotaw għal Alternattiva Demokratika u partiti żgħar oħra.



Li għadhom ma tgħallmux il-Maltin u l-Għawdxin li l-Liberali huma aktar b'saħħithom fl-Ewropa u li kieku hawn Malta jkun hawn partit liberali ta' ċertu kobor inkunu nistgħu ngħinu biex inbidlu s-sistema politika, u mhux wara li aħna nkunu ilna ngħiduhom is-snin. Il-partiti l-kbar jispiċċaw jikkopjawna iżda wara li jkun għadda ċertu żmien li jżommuna lura komparati ma' pajjiżi progressivi oħra Ewropew.

Issa aħna bgħatna l-proposti tagħna lill-Ministeru tal-Gustizzja meta saret il-white paper dwar dak li nħossu li għandu jsir u kif il-partiti politiċi kollha għandhom ikunu trattati l-istess, kbar jew żgħar, speċjalment jekk se jingħataw għajnuna finanzjarja; ikollna rappreżentanza fil-Kummissjoni Elettorali; fl-Awtoritá tax-Xandir u li x-xandir għandu jinqasam ugwalment bejn il-partiti kollha speċjalment meta l-partiti l-kbar għandhom l-istazzjonijiet tat-tv, radju u gazzetti tagħhom.

Issuġġerejna li l-elezzjonijiet ġenerali jsiru bħall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew bħala distrett wieħed u d-dokument tal-vot għandu jkun maqsum fi tlieta: karta tal-vot bil-kandidati tal-Partit Laburista, oħra tal-Partit Nazzjonalista u oħra bil-kandidati tal-kumplament tal-partiti ż-żgħar.

Semmejna wkoll li d-dokument tal-vot minbarra li jkollu fuqu l-badge jew logo tal-partit għandu jkollu wkoll ritatt tal-kandidati ħdejn isimhom u b'hekk nistgħu neliminaw li noqgħodu nwaħħlu r-ritratti fil-postijiet tal-votazzjoni u nimlew il-ħitan bihom.

Aħna nemmnu wkoll li partiti żgħar għandhom jagħmlu rapport finanzjarju kull sena u dawk li m'għandhomx impjegati magħhom u huma voluntiera jippreżentaw dan lill-Kummissjoni Elettorali għall-verifika u m'hemmx għalfejn jidħlu fi spejjez ta' Awdituri, ħaġa li aħna ma naffordjawx għax aħna m'għandniex dħul bħal ma għandhom il-partiti l-kbar u ma nagħmlux ġbir ta' flus kif jagħmlu l-partiti l-kbar. Nistennew u naraw x'se jiġri.

Nispera li sakemm jiġi ppublikat dan l-artiklu l-liġi tal-finanzjament tal-partiti tkun mgħoddija mill-Parlament u r-reġistrazzjoni tal-partiti ssir kif xieraq u b'demokazija vera u mhux biex il-partiti l-kbar jagħmlu bsaten fir-roti lill-partiti ż-żgħar biex ikomplu jżommuhom barra mill-Parlament Malti, Parlament li fil-fatt b'żewġ partiti ma hux garanzija ta' demokrazija vera u għalhekk irridu naraw li dawk is-siġġijiet fil-bini tal-Parlament il-ġdid li huma nofs ċirku ikunu jikkonsistu minn iktar minn żewġ partiti, iżda tlieta, erba' u aktar. B'hekk biss nistgħu ngħidu li Malta fl-aħħar tkun saret demokratika.

***F'isem Alleanza Liberali nawgura sena ġdida 2015 mimlija risq u progress.***

# A Common Electoral Programme

*Josephine Gatt Ciancio*

There are many initiatives that I'd like to see enacted into laws such as, a thirty-five hour working week, a living wage which would be enough to supply all necessities and most of the current luxuries, and so on.




However I know that if Joseph Muscat would be crazy enough to introduce such legislation he would be orchestrating the funeral of Malta. Malta would be ostracized by all business enterprises. It would become bankrupt in no time.

What I suggest is that an organisation, it could be Żminijietna, would help establish a common electoral programme, by all those political parties, all over the world, who would care to join.

The parties concerned would promise that if let's say 100 of them would be in power at the same time or if, when they are in power they represent let's say at least half the population of the world they would enact a progressive law on which they had previously agreed about.

At present, Unions are afraid to take progressive actions because, with so many new technologies that can replace the workers, they fear ,that if they take a stand to, let's say , introduce a living wage as described above, the business bosses would just sack the workers and introduce robots in their stand. That's why unions should encourage a common electoral programme by progressive and other parties all over the world.

These parties should concentrate on one or maybe just two laws at a time. The workers all over the world should unite and not compete amongst themselves.

Let's hope we see a united front and a common electoral programme by all those parties who really want to see the wellbeing of the workers.



# The West's War on Democracy

***Sammy Camilleri***
***Ontario, Canada***

It is a phenomenon rarely noted that virtually every left wing government since the Second World War – almost all of them elected - has faced vicious, sometimes violent obstruction by its enemies, both internal and foreign. Many were overthrown. As Henry Kissinger explained just before the American Coup against Salvador Allende in Chile, "the issues are too important for the Chilean Voters to be left to decide for themselves".

Not surprisingly, the histories of all such governments have been deeply influenced by such hostile interventions. Take Venezuela's Hugo Chavez.

From the First, Chavez overwhelming electoral victories enraged the Country's largely white political and economic elite that had controlled its destiny for decades. Working closely with the U.S Embassy, and following the "Kissinger Commandment", the Elite organised a coup that the U.S endorsed, an oil strike to undermine the country's economy, a recall election, and a ferocious propaganda campaign by the powerful local elite-owned media to de-legitimise and destabilise Chavez and his Government.

Yet when he first came to power, Chavez was little more than a moderate nationalist reformer whose economic ideas came largely from American Liberal, John Kenneth Galbraith. The attempted coup against Chavez was par for the course. In 1954, the CIA overthrew the Arbenz Government of Guatemala for planning to return to hungry Guatemalans unused land owned by the United Fruit Company. Half a century of increasingly savage even Genocidal American – Backed Governments followed.

The U.S reaction of Cuba's Fidel Castro was equally



hysterical. Having forced out a harsh, venal, American Backed Dictator, Cuba faced the wrath of Washington, which conspired with his Cuban enemies to overthrow his new government. But, just as Chavez's enemies pushed him far from his original intentions, so terrorists drove Castro into the welcoming arms of Soviet Communism, one of the great opportunities of History.

In Chile, of course, the military, emboldened by Richard Nixon and Kissinger and supported by local business and media, overthrew left wing President Salvador Allende and tortured and murdered thousands of his supporters. In Argentina, Brazil, Paraguay, Bolivia, Uruguay, Ecuador, and Peru, during the savage American – Backed Dirty Wars of the 1970's, military dictatorships mercilessly cut down tens of thousands of leftists of all shades well before they could achieve power.

In Nicaragua, the victory of the Sandinistas over a reactionary American friendly regime led to the U.S – Created Contra Forces invading and utterly destabilising that poor country. Sandinistas hopes to build a more equitable society were largely forestalled, just as the Americans intended.

So determined was the Reagan Administration to stop all dangerous leftist ideas from spreading to Florida and Texas that its CIA – Trained and armed proxies killed some 200,000 people in Nicaragua, Guatemala, and El Salvador.

The U.S and Britain also undermined the democratically – elected democratic Socialist Governments of Cheddi Jagan in Guyana and Michael Manley in Jamaica, leaving Guyana a wreck and Jamaica reeling from gang violence.

In Iran, Britain and the CIA organised a coup against Mosaddegh's democratically – elected Nationalist Government when it declared that Iranians, not foreign corporations, should control the country's great oil wealth. The Shah's cruel regime satisfied the oil interests, but led to the Khomeini Islamic Revolution. Forget the Film "ARGO'S" Glorification of the CIA. This is real story of its role in Iran.

In the Congo, Patrice Lumumba, the first democratically – elected Prime Minister in its history, believed the plundering of the country's natural resources by foreigners had gone far enough. Accordingly, Belgium, the outgoing Colonial power, and the CIA conspired to murder him, delivering the country to Joseph Mobuto, who made the Congo an ungovernable wasteland, igniting the horrific Congo wars of the past 16 years.

Let's be clear, nobody is claiming that better Governments would necessarily have emerged had they not been overthrown or subverted.

But they would have had a fairer chance to implement their agendas. They would not have been diverted, or embittered, by the need to spend precious energy and resources fighting ruthless, illegal, and often violent opponents. Then there are all those democratically elected leftist opponents that were overthrown without a chance to implement their policies. In most cases – Chile, Guatemala, Iran, and Congo - they were replaced by regimes as monstrous and repressive as any imaginable.

Then there's Hugo Chavez, unlike so many western leaders, over the decades, the much reviled Chavez invaded no other country, overthrown no other government, committed no mass murders, tortured and killed no one. All he did was to get re-elected repeatedly and improve the lot of the country's poor.

# "This Changes Everything" - Naomi Klein

Naomi Klein, in her book "This Changes Everything", points out that $27 trillion USD worth of fossil fuels are in the ground claimed by corporations - enough to emit 2,795 gigatons of carbon dioxide (CO2) into the atmosphere. Unless humanity is truly suicidal, we will allow no more than 565 gigatons to be emitted by the year 2049.

Considering what global emissions were in 2011 (32 gigatons), the world is on pace to burn over twice that amount (1,216 gigatons) by 2049 and that is if the 2011 emissions remained constant. We must quickly replace fossil fuels with renewable sources of




energy. An even more daunting reality, she argues, is the need to cut back on consumption. We cannot afford to look only at the energy supply side of the problem if we are to make the massive emissions cuts that are required.

She notes that only 500 million people around the world, 7% of its population, are responsible for half of the emissions that are cooking the planet. It's a highly privileged group, based largely in rich countries but also in some poor ones like China, whose dominance over economic decisions must end.

Klein, very wisely, doesn't waste time with arguments made by the right that deny the basic scientific reality, but she does credit them with correctly identifying a grave ideological threat posed by that reality.

She accuses them of "market fundamentalism" and "free market ideology".

*Naomi Klein is a Canadian author and social activists known for her political analyses and criticism of corporate globalisation.*

# Youth in Crime: Increased Risks of Poverty

*Marie Anne Zammit*

On the 9 th of October 2014, high level policy makers, social partners, civil society members, academics from EU countries and key actors in EU institutions attended for a high level conference in Brussels. The selected theme was; **The Europe 2020, poverty target; Lessons learned the Way Forward**.

The participants reflected on the lessons learned after the adoption of the Europe 2020 strategy, in which member states were committed to reduce the number of people at risk of poverty and social exclusion.

The stress was on the role of the economic crises which has escalated which has increased the risks of poverty and inequality. Ministers from Luxemburg, Malta and Poland called for a better balance between macro economic fiscal employment and social objectives at EU level on the importance of investing in children and youth.

There is no doubt that the financial crises has had a greater impact on young people especially in finding employment. According to the Eurostat database calculations, in the year 2008 youth unemployment has escalated to such rates with an increase ranging from those of 15.7% to 23%. For those youth who are involved in crime, the obstacles in getting regular employment are almost tripled. In these situations the risk of falling into poverty and returning back to crime in order to sustain themselves is even higher.




Conceivably, the criminal conduct remains the greatest challenge especially if they had been into custody. Due to the propensity of crime most of the employers are reluctant to employ ex offenders even if there is a demand for the job. Employers are skeptical about the personal accountability of the individual and fear that the company or firm will suffer in the case of relapse.

Some may argue that not employing individuals on the basis of a criminal conduct may be violating the rights of individuals discriminating against them. Yet, despite this many employers still may decide not to employ an ex offender as they feel that they have a right to choose whom to employ. Under International Law, the ILO Labor Organization Convention defines discrimination in employment in Article 1) 1(a) of ILO.(Human Rights, 2004) Any distinction, exclusion or preference made on the basis of criminal record, which has the effect of mollifying or impairing equality of opportunity or treatment in employment or occupation.

The length of time in prison is also an imperative factor, and the longer young people remain imprisoned, the longer they will find it hard to integrate back in the community. The situation aggravates if they lack working skills. In order to address this situation the targets should aim to increase ex offender s' skills and to establish link with employers and enterprises. In this respect, the Authorities can also contribute by offering financial packages to employers as an incentive for employing young people coming out of prison. In turn these initiatives will benefit as more employers will be encouraged employ young offenders.

Furthermore, these young offenders should also be encouraged and helped to start their own business and cooperatives where they can even employ other young offenders. Other initiatives are to provide funds for agencies in order to liaison the released young offenders with the labor market and with prospective employers.

Such option would be the role of mediators to serve as bridge between the employer and the young employee. Almost, in every case, where a young man or woman fails to turn up for work for several occasions the employer would not hesitate to fire them. Nevertheless, with the intervention and help of the mediator these problems would be therefore addressed, preventing further relapse into crime.

Youth unemployment is already costing a price to society and hitting youths and if youths are being driven to crime it definitely means more loss for society. Further on, unemployment will not only means the loss for the country but direct costs as increase in benefits payments, income tax revenues. On top of all, every state loses the capacity of youths who instead of utilizing their talents are wasted behind dark walls of prison and then confined to poverty.

# Ix-Xellug f'Malta

***Apert - Birkirkara.***

Naħseb li fil-moviment tal-ħaddiema hemm numru ta' xellugin ħafna akbar mis-26 li dan l-aħħar kitbu l-ittra miftuħa lill-Prim Ministru. Żgur li hawn ħafna xellugin oħra li jixtiequ li nersqu b`iżjed ħeffa lejn ix-xellug, imma japprezzaw it-tmexxija politikament bilanċjata tal-gvern soċjal demokratiku, f`pajjiż fejn laħqet daħlet kultura neo-liberali tgħum fil-korruzzjoni.

F`dan l-isfond skoraġġanti, dawn jifmhu r-ritmu tal-mixja meqjusa u eżemplari tal-gvern, li qed tkaxkar l-appoġġ tal-maġġoranza, li f`demokrazija huwa mperattiv għas-sostenn tal-mandat elettorali meħtieġ biex naslu flimkien fid-destinazzjoni mixtieqa. B`din il-viżjoni u aspettattiva, qegħdin jaraw sodisfaċenti l-mod li l-gvern saħħaħ l-ekonomija, u kif il-ġid iġġenerat firxu b`sens ta' ġustizzja. Veru li xtaqu politika fiskali aħjar, imma jaħsbu li mexa b`mod aċċettabbli fil-klima ekonomika li ħoloq.

Qegħdin isegwu b`tama d-direzzjoni progressiva li qed jimxi fl-oqsma soċjali, tal-edukazzjoni, tal-welfare, tal-anzjani, u tal-enerġija. Iħossu li ndirizza l-faqar assolut b`mod konkret u tanġibbli, u tejjeb il-qagħda ta' kull min jinsab f`xi tip ta' faqar ieħor. Dan kollu jidher awgurju tajjeb għal dak li baqa x`isir f`dawn l-oqsma. Waqt li huma konxji mit-titjib kbir li għamel fil-qasam tas-saħħa, ġibdu l-attenzjoni tal-gvern għalfatt li bid-dħul tal-prattika privata fil-polikliniċi jista' jipperikola diskriminazzjoni soċjali fil-kura medika.

Jammiraw il-leġiżlazzjonijiet tal-għarfien bla preċedent tad-drittijiet ċivili, u d-drittijiet tat-tfal, u d-drittijiet taċ-ċittadini b`diżabilita, u l-jeddijiet tal-annimali. Sar progress wkoll favur il-ħarsien tal-konsumatur.

Jgħarfu l-inċentivi li għamel fil-qasam tax-xogħol biex żdiedu l-opportunitajiet ta' mpjiegi, speċjalment għan-nisa. Qed jaraw ukoll li beda jtaffi bil-mod il-problema fonda tal-prekarjat.

Jinnotaw li kellu l-fibra li jneħħi l-liġi tal-preskrizzjoni li kienet tipproteġi lil-korrotti fil-politika, u bl-aqwa sens ta' ġustizzja għamel il-liġi tal-"whistle blower" biex tinkixef il-korruzzjoni.

Apparti dak it-titjib, ix-xellugin għatxana għal iżjed progress f`dawk s-setturi, u fadal oqsma kruċjali għax-xellug kollu, fejn il-gvern għad ma weriex żviluppi tanġibbli ta' progress dwarhom.

Waqt li ta' min jifraħ bil-kontribut tal-gvern fil-qasam intokkabbli tal-ġustizzja bit-tibdil pożittiv fix-xogħol proċedurali tal-qrati, x-xellug għadu jistenna riforma b`ruħ soċjali veru effettiva tal-liġijiet semi-inumani u tas-sistema ġudizzjarja iżjed sigura. Nafu li din hija delikata ħafna, imma jeħtieġ li tinbeda biex ikollna tama li tasal li timmatura.

Sensittivi ħafna wkoll għax-xellug Malti huma l-kwistjonijiet taż-żewġ prinċipji ewlenin tas-sovranitá u n-newtralitá. Dawn it-tnejn huma konsegwenza tas-sħubija fl-UE, li hija l-iżjed delikata fiha nfisha.

Is-sħubija fl-UE hija għall qalb il-Maltin tant, li żgur tikkundizzjona l-politika Ewropea ta' kull gvern b`viżjoni ta' riformi li f`demokrazija jeħtieġu l-appoġġ maġġoritarju tal-poplu għal aktar minn mandat elettorali wieħed. Allura ż-żewġ konsegwenzi tas-sħubija li huma fundamentali għalina lkoll, ma jkunx għaqli li jibdew jitqanqlu uffiċjalment qabel ma jintlaħqu l-għanijiet l-oħra tal-viżjoni xellugija.

Din il-verita għandha tnebbaħ lill-Maltin ta' fibra xellugija biex jirrealizzaw li b`mandat elettorali wieħed iżolat, it-tejoriji għeżież tagħhom jibqgħu biss fuq il-karta u qatt ma jiġu mplimentati u stabbiliti fis-sod. Minn hawn toħroġ ir-responsabilta ndividwali tagħhom li jikkoperaw biex bi dmir kollettiv ix-xellug jilħaq l-għan aħħari għas-soċjetá Maltija.


## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:

Indirizz:

Emejl:

Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000 ma' ċekk jew direttament fil-*Kont Bankarju BOV 40013290155***